# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

22 ta’ Marzu 2022*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kompetizzjoni – Artikolu 101 TFUE – Tressiq ta’ proċeduri kontra akkordju minn żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 50 – Prinċipju ta’ *ne bis in idem* – Eżistenza tal-istess reat – Artikolu 52(1) – Limitazzjonijiet għall-prinċipju ta’ *ne bis in idem* – Kundizzjonijiet – Tfittxija ta’ għan ta’ interess ġenerali – Proporzjonalità”

Fil-Kawża C-151/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), permezz ta’ deċiżjoni tat-12 ta’ Marzu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta’ Marzu 2020, fil-proċedura

**Bundeswettbewerbsbehörde**

vs

**Nordzucker AG,**

**Südzucker AG,**

**Agrana Zucker GmbH,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, K. Jürimäe (Relatriċi), C. Lycourgos, E. Regan, N. Jääskinen, I. Ziemele u J. Passer, Presidenti ta’ Awla, M. Ilešič, T. von Danwitz, A. Kumin u N. Wahl, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta’ Unità,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-22 ta’ Marzu 2021,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Bundeswettbewerbsbehörde, minn N. Harsdorf Enderndorf, B. Krauskopf u A. Xeniadis, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għal Südzucker AG, minn C. von Köckritz, W. Bosch u A. Fritzsche, Rechtsanwälte,

– għal Agrana Zucker GmbH, minn H. Wollmann, C. von Köckritz, W. Bosch u A. Fritzsche, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux u L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn P. Vernet u E. de Lophem, avocats,

– għall-Gvern Ġermaniż, inizjalment minn J. Möller u S. Heimerl, sussegwentement minn J. Möller, bħala aġenti,

– għall-Gvern Elleniku, minn L. Kotroni, bħala aġenta,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġenta, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Latvjan, minn K. Pommere, bħala aġenta,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Wiącek, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Keidel, G. Meessen, P. Rossi, H. van Vliet, A. Cleenewerck de Crayencour u F. Van Schaik, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, il-Bundeswettbewerbsbehörde (l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem l-"Awtorità Awstrijaka") u, min-naħa l-oħra, Nordzucker AG, Südzucker AG u Agrana Zucker GmbH (iktar 'il quddiem "Agrana") dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn tal-aħħar fi prattika li tmur kontra l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt Awstrijak tal-kompetizzjoni.

### Il-kuntest ġuridiku

3 Il-premessi 6 u 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) huma fformulati kif ġej:

"(6) Sabiex jiżgura li l-liġijiet tal-kompetizzjoni [tal-Unjoni] huma applikati b'mod effettiv, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri għandhom ikun assoċjati aktar mil-qrib ma l-applikazzjoni tagħhom. Għal dan il-għan, għandhom is-saħħa li japplikaw il-liġijiet [tal-Unjoni].

[…]

(8) Sabiex jiżgura l-infurzar effetiv tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-[Unjoni] u il-funżjoni propja tal-mekkaniżmi tal-koperazzjoni li jinsabu fir-Regolament, huwa neċċessarju l-obligu ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-qrati tal-Istati Membri li huma ukoll japplikaw l-Artikoli [101] u [102 TFUE] billi huma japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompettitività lil ftehim u prattiki li jistgħu jaffetwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Sabiex jiġu kreati kondizzjonijet ugwali għal ftehim, deċiżjonijiet permezz ta' assoċjazzjoni ta' impriża u prattiċi miftiehma fi ħdan is-suq intern, huwa ukoll neċċessarju li jistabilixxi skond l-Artikolu [103(2)(e) TFUE] ir-relazzjoni bejn il-liġijiet nazzjonali u l-liġi tal-kompetizzjoni tal-[Unjoni]. Sabiex dan iseħħ huwa neċessarju li l-ligijiet nazzjonali tal-kompettività provduti jiġu applikati għal ftehim, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma fi ħdan s-sens ta' l-Artikolu [101](1) [TFUE] ma għandhomx iwasslu għall-projbizzjoni ta' dan il-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma sa kemm mhux projbiti taħt il-liġijiet tal-kompetizzjoni tal-[Unjoni]. Dawn in-nozzjonijiet ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma huma kunċetti awtonomi għall-liġi tal-kompetizzjoni tal-[Unjoni] li jkopru l-koordinazzjoni ta' l-imġieba tal-impriża fis-suq bħalma huma nterpretati mil-Qrati tal-[Unjoni]. […]"

4 Skont l-Artikolu 3(1) u (2) ta' dan ir-regolament:

"1. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri u qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal ftehim, deċiżjonijiet min assoċjazzjonijiet tal-impriża jew prattiċi miftiehma fis-sens ta' l-Artikolu [101](1) [TFUE] li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens ta' din id-disposizzjoni, dawn ħa japplikaw ukoll l-Artikolu [101 TFUE] għal ftehim bħal dawn, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta'l-Istati Membri jew qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal xi kwalunkwe abbuż projbit mil-Artikolu [102 TFUE], dawn ħa japplikaw ukoll l-Artikolu [102 TFUE].

2. L-applikazzjoni tal-liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tistax twassal għal projbizzjoni ta' ftehim, deċiżjonijiet min assoċjazzjonijiet ta' l-impriża jew prattiċi miftiehma li jista jaffetwa il-kummerċ bejn l-Istati Membri imma ma jirrestrinġix il-kompetizzjoni fis-sens ta' l-Artikolu [101](1) [TFUE], jew ma jilħaqx il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu [101](3) [TFUE] jew li huma kopruti min xi Regolament għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [101](3) [TFUE]. Stati Membri mhux taħt dan ir-Regolament jiġu preklużi milli jadottaw u japplikaw fuq it-territorju tagħhom liġijiet nazzjonali aktar stretti li jipprojbixxu jew jissanzjonaw kondotta unilaterali imqabdin biex jaħdmu min xi impriża."

5 L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament jipprovdi li:

"L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri għandhom ikollhom is-setgħa li japplikaw l-Artikolu [101] u [102 TFUE] f'każijiet individwali. Għal dan il-għan, jaggixxu fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew fuq xi ilment, dawn jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet li ġejjin:

– jirrikjedu li xi ksur jiġi mitmum,

– jordnaw miżuri ntermedjarji,

– jaċċettaw rbit,

– jimponu multi, perjodu ta’ pagamenti penali jew xi pieni oħra previsti mil-liġijiet nazzjonali tagħhom.

Fejn fuq bażi ta’ l-informazzjoni li għandhom fil-pussess tagħhom il-kondizzjonijiet għal projbizzjoni m’humiex milħuqa huma għandhom jiddeċiedu li ma hemmx każ li jkun hemm azzjoni mil-parti tagħhom.”

6 L-Artikolu 12(1) ta’ l-istess regolament jipprevedi:

“Bil-għan li jiġu applikati l-Artikoli [101] u [102 TFUE] il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni ta’ l-Istati Membri ħa jkollhom s-setgħa li jipprovdu lil xulxin u jużaw bħala evidenza kwalunkwe fatt jew liġi, incluż informazzjoni konfidenzali.”

7 L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi li l-Kummissjoni tista’, permezz ta’ deċiżjoni, timponi multi fuq l-impriżi u fuq l-assoċjazzjonijiet ta’ impriżi meta, intenzjonalment jew b’negliġenza, dawn iwettqu ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 101 TFUE jew 102 TFUE.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

8 Nordzucker, Südzucker u s-sussidjarja tagħha Agrana huma attivi fis-suq tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni taz-zokkor intiż għall-industrija kif ukoll għall-konsum domestiku (iktar ’il quddiem is-“suq taz-zokkor”).

9 Nordzucker u Südzucker jiddominaw, flimkien ma’ tielet produttur kbir, is-suq taz-zokkor fil-Ġermanja. Il-fabbriki ta’ Nordzucker jinsabu fit-Tramuntana u dawk ta’ Südzucker fin-Nofsinhar ta’ dan l-Istat Membru. Minħabba l-pożizzjoni tal-fabbriki, il-karatteristiċi taz-zokkor u l-ispejjeż tat-trasport tiegħu, is-suq Ġermaniż taz-zokkor kien tradizzjonalment maqsum fi tliet żoni ġeografiċi prinċipali, kull waħda ddominata minn wieħed minn dawn it-tliet produtturi l-kbar. Din id-diviżjoni ġeografika tas-suq ma kinitx testendi għas-swieq barranin, inklużi dawk li fihom is-sussidjarji ta’ dawn it-tliet produtturi kienu joperaw, u ma kinitx tikkonċerna, b’mod partikolari, is-suq Awstrijak.

10 Agrana hija l-produttriċi prinċipali taz-zokkor fl-Awstrija. Hija topera fil-biċċa l-kbira b’mod awtonomu fis-swieq li hija sservi.

11 L-adeżjoni, fl-2004, ta’ Stati Membri ġodda mal-Unjoni qajmet it-tħassib tal-produtturi Ġermaniżi taz-zokkor minħabba l-pressjoni kompetittiva ġdida li tirriżulta mill-impriżi stabbiliti f’dawn l-Istati Membri. Huwa f’dan il-kuntest li, sa mhux iktar tard mis-sena 2004, inżammu diversi laqgħat bejn id-diretturi tal-bejgħ ta’ Nordzucker u ta’ Südzucker, li fi tmiemhom dawn tal-aħħar ftehmu li ma jikkompetux bejniethom permezz ta’ intrużjoni fiż-żoni ta’ bejgħ prinċipali tradizzjonali tagħhom sabiex jevitaw din il-pressjoni kompetittiva ġdida.

12 Lejn l-aħħar tas-sena 2005, Agrana nnotat kunsinni ta’ zokkor fis-suq Awstrijak, provenjenti, b’mod partikolari, minn sussidjarja Slovakka ta’ Nordzucker u intiżi għal klijenti industrijali Awstrijaċi li, sa dak iż-żmien, Agrana kienet il-fornitriċi esklużiva tagħhom.

13 Fit-22 ta’ Frar 2006, waqt konverżazzjoni telefonika, id-direttur ta’ Agrana informa lid-direttur tal-bejgħ ta’ Südzucker bl-eżistenza ta’ dawn il-kunsinni u talbu l-isem ta’ persuna ta’ kuntatt fi ħdan Nordzucker.

14 Id-direttur tal-bejgħ ta' Südzucker għalhekk kellem, fl-istess jum, lid-direttur tal-bejgħ ta' Nordzucker sabiex jinformah bl-imsemmija kunsinni lejn l-Awstrija, filwaqt li alluda għal konsegwenzi possibbli għas-suq Ġermaniż taz-zokkor (iktar 'il quddiem il-"konverżazzjoni telefonika kontenzjuża"). Ma huwiex stabbilit li Agrana kienet ġiet informata b'din it-telefonata.

15 Wara t-tressiq, minn Nordzucker, ta' talbiet għal klemenza, b'mod partikolari quddiem il-Bundeskartellamt (l-Awtorità Federali tal-Kompetizzjoni, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem l-"Awtorità Ġermaniża") u l-Awtorità Awstrijaka, dawn l-awtoritajiet, fl-istess ħin, fetħu proċeduri ta' investigazzjoni.

16 Għalhekk, fix-xahar ta' Settembru 2010, l-Awtorità Awstrijaka adixxiet lill-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna, l-Awstrija), li hija l-qorti Awstrijaka li għandha ġurisdizzjoni fil-qasam ta' akkordji, b'rikors intiż li jiġi kkonstatat li Nordzucker kienet kisret l-Artikolu 101 TFUE kif ukoll id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt Awstrijak u li jiġu imposti żewġ multi fuq Südzucker, fosthom waħda *in solidum* ma' Agrana. Fost l-elementi materjali invokati mill-Awtorità Awstrijaka sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' dawn it-tliet impriżi f'akkordju fis-suq Awstrijak taz-zokkor kien hemm, b'mod partikolari, il-konverżazzjoni telefonika kontenzjuża.

17 Min-naħa tagħha, l-Awtorità Ġermaniża, permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Frar 2014, li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, ikkonstatat li Nordzucker, Südzucker u t-tielet produttur Ġermaniż imsemmi fil-punt 9 ta' din is-sentenza wettqu ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt Ġermaniż tal-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, imponiet fuq Südzucker multa ta' EUR 195 500 000 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża"). Skont din id-deċiżjoni, dawn l-impriżi kienu jimplimentaw, fis-suq taz-zokkor, ftehim ta' osservanza reċiproka taż-żoni ta' bejgħ prinċipali, permezz ta' laqgħat regolari bejn ir-rappreżentanti ta' Nordzucker u ta' Südzucker li nżammu matul il-perijodu ta' bejn is-snin 2004 u 2007, anki sas-sajf tal-2008. Fl-imsemmija deċiżjoni, l-Awtorità Ġermaniża rriproduċiet il-kontenut tal-konverżazzjoni telefonika kontenzjuża, li matulha r-rappreżentanti ta' Nordzucker u ta' Südzucker kienu ddiskutew is-suq Awstrijak. Fost il-punti kollha ta' fatt ikkonstatati minn din l-awtorità, din l-konverżazzjoni hija l-uniku punt relatat ma' dan l-aħħar suq.

18 Permezz ta' digriet tal-15 ta' Mejju 2019, l-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna) ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-Awtorità Awstrijaka, għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-ftehim konkluż waqt il-konverżazzjoni telefonika kontenzjuża kien diġà ġie suġġett għal sanzjoni imposta minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni oħra, b'tali mod li sanzjoni ġdida tkun tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

19 L-Awtorità Awstrijaka appellat minn dan id-digriet quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), li hija l-qorti tar-rinviju. Hija talbet, minn naħa, li jiġi kkonstatat li, minħabba dan il-ftehim, Nordzucker kisret l-Artikolu 101 TFUE kif ukoll id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt Awstrijak tal-kompetizzjoni u, min-naħa l-oħra, li multa ta' ammont xieraq tiġi imposta fuq Südzucker għall-istess ksur.

20 Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fid-dawl tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta, dwar il-possibbiltà li tittieħed inkunsiderazzjoni l-konverżazzjoni telefonika kontenzjuża, minkejja li din kienet espressament imsemmija fid-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża.

21 L-ewwel, din il-qorti tosserva li l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, fil-komponent tiegħu "*idem*", ta lok għal interpretazzjonijiet diverġenti. B'hekk, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punt 97), li dan il-prinċipju jista' jiġi applikat biss jekk ikunu ssodisfatti tliet kriterji kumulattivi, jiġifieri l-identiċità tal-fatti, l-identiċità tal-persuni li jwettqu l-ksur u l-identiċità tal-interess ġuridiku protett. Għall-kuntrarju, f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-sentenzi tad-9 ta' Marzu 2006, Van Esbroeck (C-436/04, EU:C:2006:165, punt 36), u tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197, punt 35), il-Qorti tal-Ġustizzja warrbet il-kriterju relatat mal-identiċità tal-interess ġuridiku protett.

22 It-tieni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk hemmx lok, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-komponent "*idem*", li jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost elementi l-oħra, l-effetti territorjali tal-akkordji li seħħew fit-territorji ta' Stati Membri differenti, b'analoġija mas-soluzzjoni adottata fis-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni (C-397/03 P, EU:C:2006:328), tad-29 ta' Ġunju 2006, Showa Denko vs Il-Kummissjoni (C-289/04 P, EU:C:2006:431), kif ukoll tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punti 99 sa 103).

23 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tosserva li, skont l-Awtorità Awstrijaka, il-multa imposta mid-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti tal-akkordju fl-Awstrija. Bl-istess mod, skont opinjoni tal-Viċi President tal-Awtorità Ġermaniża, tat-28 ta' Ġunju 2019, id-deċiżjonijiet ta' din l-awtorità jissanzjonaw biss, bħala prinċipju, l-effetti antikompetittivi fil-Ġermanja. L-Oberlandesgericht Wien (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Vjenna) madankollu qieset il-kuntrarju minħabba l-importanza partikolari mogħtija, fid-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża, lill-konverżazzjoni telefonika kontenzjuża.

24 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-talba għall-konstatazzjoni ta' ksur fir-rigward ta' Nordzucker, il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Awtorità Awstrijaka ppermettiet lil din l-impriża tibbenefika minn miżuri ta' klemenza skont id-dritt nazzjonali. Filwaqt li tirrileva li, skont is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et* (C-681/11, EU:C:2013:404), awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tista' eċċezzjonalment tillimita ruħha li tikkonstata ksur mingħajr ma timponi multa, hija tistaqsi jekk il-prinċipju ta' *ne bis in idem* għandux jiġi applikat għal tali proċedura ta' konstatazzjoni ta' ksur. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punt 94 tas-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72), li dan il-prinċipju għandu jiġi osservat biss fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) It-tielet kriterju stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-dritt dwar il-kompetizzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipju '*ne bis in idem*', jiġifieri dak li jgħid li għandu jkun ikkonċernat l-istess interess ġuridiku protett, għandu jiġi applikat ukoll meta l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni ta' żewġ Stati Membri jintalbu japplikaw, għall-istess fatti u fir-rigward tal-istess persuni, minbarra l-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-istess regoli tad-dritt Ewropew (f'dan il-każ, l-Artikolu 101 TFUE)?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:

2) F'każ bħal dan ta' applikazzjoni parallela tad-dritt Ewropew dwar il-kompetizzjoni u ta' dak nazzjonali, huwa protett l-istess interess ġuridiku?

3) Minbarra dan, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju '*ne bis in idem*', huwa rilevanti jekk l-ewwel deċiżjoni – fuq il-livell kronoloġiku – tal-awtorità għall-kompetizzjoni ta' Stat Membru li timponi multa tkun effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-effetti ħżiena fuq il-kompetizzjoni fl-Istat Membru l-ieħor li l-awtorità għall-kompetizzjoni tiegħu ddeċidiet biss sussegwentement fil-proċedura ta' dritt dwar il-kompetizzjoni li hija mexxiet?

4) Proċedura li fiha, minħabba l-parteċipazzjoni ta' parti kkonċernata fil-programm nazzjonali ta' klemenza, jista' jiġi kkonstatat biss ksur tad-dritt dwar il-kompetizzjoni, hija wkoll proċedura suġġetta għall-prinċipju '*ne bis in idem*', jew tali sempliċi konstatazzjoni ta' ksur tista' ssir indipendentement mill-eżitu ta' proċedura preċedenti rigward l-impożizzjoni ta' multa (fi Stat Membru ieħor)?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel u t-tielet domanda*

26 Permezz tal-ewwel u tat-tielet domanda tagħha, li hemm lok li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 50 tal-Karta għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li jitressqu proċeduri kontra impriża, mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru, u, jekk ikun il-każ, tiġi imposta multa fuqha għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni, minħabba aġir li kellu għan jew effett antikompetittiv fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, meta dan l-aġir diġà ssemma, minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru ieħor, f'deċiżjoni definittiva li din adottat, fir-rigward ta' din l-impriża, fi tmiem proċedura ta' ksur taħt l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt tal-kompetizzjoni ta' dan l-Istat Membru l-ieħor.

27 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tixtieq, b'mod partikolari, kjarifika dwar il-kriterji rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk iż-żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ddeċidewx fuq l-istess fatti.

*Osservazzjonijiet preliminari*

28 Għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 59), li issa huwa stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta.

29 L-Artikolu 50 tal-Karta jiddisponi li "[l]-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi". Għalhekk, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprojbixxi kumulu kemm ta' proċeduri kif ukoll ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali fis-sens ta' dan l-artikolu għall-istess fatti u kontra l-istess persuna (sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura kriminali tal-proċeduri u tas-sanzjonijiet inkwistjoni, li għandha titwettaq mill-qorti tar-rinviju, għandu jitfakkar li tliet kriterji huma rilevanti. L-ewwel kriterju huwa dak dwar il-klassifikazzjoni ġuridika tar-reat fid-dritt intern, it-tieni wieħed huwa dak dwar in-natura stess tar-reat u t-tielet wieħed huwa dwar il-grad ta' severità tas-sanzjoni li

l-persuna kkonċernata tista' ġġarrab (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2012, Bonda, C-489/10, EU:C:2012:319, punt 37, kif ukoll tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punti 26 u 27).

31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta ma hijiex limitata biss għall-proċeduri u s-sanzjonijiet li huma kklassifikati bħala "kriminali" mid-dritt nazzjonali, iżda testendi – indipendentement minn tali klassifikazzjoni fid-dritt intern – għal proċeduri u għal sanzjonijiet li għandhom jitqiesu li għandhom natura kriminali abbażi taż-żewġ kriterji l-oħrajn imsemmija fil-punt preċedenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 30).

32 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* għandu jiġi osservat fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi, li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. Dan il-prinċipju jipprojbixxi, fil-qasam tal-kompetizzjoni, li impriża tiġi kkundannata mill-ġdid jew jitressqu mill-ġdid proċeduri kontriha minħabba aġir antikompetittiv li għalih hija tkun ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu hija tkun ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata iktar (sentenzi tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 94 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie, C-617/17, EU:C:2019:283, punt 28).

33 Minn dan isegwi li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fil-kuntest tal-proċeduri li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni hija suġġetta għal kundizzjoni doppja, jiġifieri, minn naħa, li jkun hemm deċiżjoni preċedenti definittiva (kundizzjoni "*bis*") u, min-naħa l-oħra, li l-istess aġir ikun kopert mid-deċiżjoni preċedenti u mill-proċeduri jew mid-deċiżjonijiet sussegwenti (kundizzjoni "*idem*").

*Fuq il-kundizzjoni "bis"*

34 Fir-rigward tal-kundizzjoni "*bis*", għandu jitfakkar li, sabiex deċiżjoni tkun tista' titqies bħala li tkun iddeċidiet b'mod definittiv dwar il-fatti sottomessi għat-tieni proċedura, huwa neċessarju mhux biss li din id-deċiżjoni tkun saret definittiva, iżda wkoll li din tkun ingħatat wara evalwazzjoni dwar il-mertu tal-kawża (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, M, C-398/12, EU:C:2014:1057, punti 28 u 30).

35 F'dan il-każ, mill-konstatazzjonijiet magħmula mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li d-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża tikkostitwixxi deċiżjoni preċedenti definittiva fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti.

*Fuq il-kundizzjoni "idem"*

36 Fir-rigward tal-kundizzjoni "*idem*", mill-kliem stess tal-Artikolu 50 tal-Karta jirriżulta li dan jipprojbixxi li jitressqu proċeduri kriminali kontra jew li tiġi ssanzjonata kriminalment l-istess persuna iktar minn darba għall-istess reat.

37 Hekk kif tindika l-qorti tar-rinviju fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, id-diversi proċeduri u sanzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirrigwardaw l-istess persuni ġuridiċi, jiġifieri Nordzucker u Südzucker.

38 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju rilevanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza tal-istess reat huwa dak tal-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom li wasslu sabiex il-persuna kkonċernata tinħeles jew tiġi kkundannata b'mod definittiv. Għaldaqstant, l-Artikolu 50 tal-Karta jipprojbixxi li jiġu imposti, għal fatti identiċi, diversi sanzjonijiet ta' natura kriminali fi tmiem proċeduri differenti mmexxija għal dan l-għan (sentenzi tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 35, u tal-20 ta' Marzu 2018, Garlsson Real Estate *et*, C-537/16, EU:C:2018:193, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

39 Barra minn hekk, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-klassifikazzjoni ġuridika fid-dritt nazzjonali tal-fatti u l-interess ġuridiku protett ma humiex rilevanti għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza tal-istess reat, sa fejn il-portata tal-protezzjoni mogħtija fl-Artikolu 50 tal-Karta ma tistax tvarja minn Stat Membru għall-ieħor (sentenzi tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 36, u tal-20 ta' Marzu 2018, Garlsson Real Estate *et*, C-537/16, EU:C:2018:193, punt 38).

40 L-istess japplika għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, sa fejn il-portata tal-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni ma tistax, ħlief fil-każ ta' dispożizzjoni kuntrarja tad-dritt tal-Unjoni, tvarja minn qasam tiegħu għal ieħor (sentenza bid-data tal-lum, bpost, C-117/20, punt 35).

41 Fir-rigward tal-kriterju relatat mal-identiċità tal-fatti, il-kwistjoni dwar jekk impriżi adottawx aġir li għandu bħala għan jew effett li jipprekludi, li jillimita jew li jfixkel il-kompetizzjoni, ma tistax tiġi evalwata b'mod astratt, iżda għandha tiġi eżaminata b'riferiment għat-territorju u għas-suq tal-prodotti li fihom l-aġir inkwistjoni kellu tali għan jew tali effett u għall-perijodu li matulu l-aġir inkwistjoni kellu tali għan jew tali effett (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 99, kif ukoll tal-25 ta' Frar 2021, Slovak Telekom, C-857/19, EU:C:2021:139, punt 45).

42 Hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-fatti, li għandha tiddetermina jekk il-kawża li għandha quddiemha tirrigwardax l-istess fatti bħal dawk li wasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża, b'rigward għat-territorju, għas-suq tal-prodotti u għall-perijodu kkonċernati minn din id-deċiżjoni. Għalhekk, hija din il-qorti li għandha tiżgura ruħha mill-portata tal-imsemmija deċiżjoni. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 1/2003, huwa possibbli għal qorti nazzjonali, bl-assistenza tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, li titlob l-aċċess, mingħand awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru ieħor, għal deċiżjoni adottata minn din tal-aħħar kif ukoll għal informazzjoni dwar il-kontenut ta' din id-deċiżjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi lill-imsemmija qorti elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' din il-portata.

43 F'dan ir-rigward, mill-atti tal-proċess jirriżulta li d-domandi tal-qorti tar-rinviju jikkonċernaw, b'mod iktar speċifiku, il-fatt li l-proċeduri mibdija fl-Awstrija huma bbażati fuq punt fattwali, jiġifieri l-konverżazzjoni telefonika kontenzjuża li matulha ġie diskuss is-suq Awstrijak taz-zokkor, li kien diġà ssemma fid-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża. Din il-qorti tistaqsi jekk, fid-dawl tar-riferiment għall-konverżazzjoni telefonika f'din id-deċiżjoni, il-kundizzjoni relatata mal-identiċità tal-fatti hijiex issodisfatta.

44 F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-ġurisprudenza esposta fil-punt 41 ta' din is-sentenza, għandu jiġi ppreċiżat li s-sempliċi fatt li awtorità ta' Stat Membru ssemmi, f'deċiżjoni li tikkonstata ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kif ukoll tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt ta' dan l-Istat Membru, punt ta' fatt relatat mat-territorju ta' Stat Membru ieħor ma jistax ikun biżżejjed sabiex jitqies li dan il-punt ta' fatt ta lok għall-proċeduri jew ġie kkunsidrat minn din l-awtorità fost il-punti li jikkostitwixxu dan il-ksur. Għandu jiġi vverifikat ukoll jekk l-imsemmija awtorità effettivament ħaditx deċiżjoni fuq l-imsemmi punt ta' fatt sabiex tikkonstata l-ksur, tistabbilixxi r-responsabbiltà għal dan il-ksur tal-persuna li tressqu proċeduri kontriha tal-persuna u, jekk ikun il-każ, timponilha sanzjoni, b'tali mod li l-imsemmi ksur għandu jitqies bħala li jinkludi t-territorju ta' dan l-Istat Membru l-ieħor (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punti 101 u 102).

45 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, abbażi ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, jekk id-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża kellhiex l-għan li tikkonstata u tissanzjona l-akkordju inkwistjoni inkwantu dan kien jirrigwarda, minħabba l-għan jew l-effett antikompetittiv tiegħu matul il-perijodu kkunsidrat, mhux biss is-suq Ġermaniż, iżda wkoll is-suq Awstrijak.

46 Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, għandu, b'mod partikolari, jiġi eżaminat jekk l-evalwazzjonijiet ġuridiċi magħmula mill-Awtorità Ġermaniża abbażi tal-punti ta' fatt ikkonstatati fid-deċiżjoni definittiva tagħha rrigwardawx esklużivament is-suq Ġermaniż jew ukoll is-suq Awstrijak taz-zokkor. Huwa wkoll rilevanti l-punt dwar jekk, għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa bbażata fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul fis-suq affettwat mill-ksur, l-Awtorità Ġermaniża ħaditx bħala bażi ta' kalkolu biss id-dħul mill-bejgħ magħmul fil-Ġermanja (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 101).

47 Fil-każ li, fi tmiem l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, il-qorti tar-rinviju tqis li d-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża ma kkonstatatx u ma ssanzjonatx l-akkordju inkwistjoni fil-kawża prinċipali minħabba l-għan jew l-effett antikompetittiv tiegħu fit-territorju Awstrijak, din il-qorti għandha tikkonstata li l-proċedura li hija adita biha ma tirrigwardax l-istess fatti bħal dawk li wasslu għad-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża, b'tali mod li l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, ma jipprekludix proċeduri ġodda u, jekk ikun il-każ, sanzjonijiet ġodda (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 103).

48 Fl-ipoteżi kuntrarja fejn il-qorti tar-rinviju tqis li d-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża kkonstatat u ssanzjonat l-akkordju inkwistjoni minħabba wkoll l-għan jew l-effett antikompetittiv tiegħu fit-territorju Awstrijak, din il-qorti għandha tikkonstata li l-proċedura li hija adita biha tirrigwarda l-istess fatti bħal dawk li wasslu għad-deċiżjoni definittiva tal-Awtorità Ġermaniża. Tali kumulu ta' proċeduri u, jekk ikun il-każ, ta' sanzjonijiet, jikkostitwixxi limitazzjoni tad-dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta.

*Fuq il-ġustifikazzjoni ta' limitazzjoni eventwali tad-dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 50 tal-Karta*

49 Sabiex tingħata risposta kompleta lill-qorti tar-rinviju, għandu jingħad ukoll li limitazzjoni tad-dritt fundamentali ggarantit fl-Artikolu 50 tal-Karta, bħal dik li tkun teżisti fl-ipoteżi msemmija fil-punt 48 ta' din is-sentenza, tista' tiġi ġġustifikata abbażi tal-Artikolu 52(1) tal-Karta (sentenzi tas-27 ta' Mejju 2014, Spasic, C-129/14 PPU, EU:C:2014:586, punti 55 u 56, kif ukoll tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 40).

50 Konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tosserva l-kontenut essenzjali ta' dawn id-drittijiet u libertajiet. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet għall-imsemmija drittijiet u għall-imsemmija libertajiet biss jekk tali limitazzjonijiet ikunu neċessarji u jekk effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

51 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, u b'mod iktar speċifiku tal-kwistjoni dwar jekk il-limitazzjoni tad-dritt fundamentali ggarantit fl-Artikolu 50 tal-Karta li tirriżulta minn kumulu ta' proċeduri u, jekk ikun il-każ, ta' sanzjonijiet minn żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni tissodisfax għan ta' interess ġenerali, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 101 TFUE huwa dispożizzjoni ta' ordni pubbliku li tipprojbixxi l-akkordji u li tfittex l-għan, indispensabbli għall-funzjonament tas-suq intern, li jiġi ggarantit li l-kompetizzjoni ma tkunx distorta f'dan is-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss, C-126/97, EU:C:1999:269, punt 36, kif ukoll tal-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 31).

52 Fid-dawl tal-importanza li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil dan l-għan ta' interess ġenerali, kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali jista' jkun iġġustifikat meta dawn il-proċeduri u sanzjonijiet ikunu jirrigwardaw, sabiex jintlaħaq tali għan, għanijiet komplementari relatati, jekk ikun il-każ, ma' aspetti differenti tal-istess aġir kkonċernat li jikkostitwixxi ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 44).

53 Issa, f'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fir-rigward tar-rwol tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1/2003 tistabbilixxi rabta stretta bejn il-projbizzjoni tal-akkordji stabbilita fl-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni. Meta l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tapplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jipprojbixxu l-akkordji għal ftehim ta' impriżi li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, l-imsemmija l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(1) teħtieġ li jiġi applikat ukoll fir-rigward tiegħu, b'mod parallel, l-Artikolu 101 TFUE (sentenzi tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 77, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2012, Expedia, C-226/11, EU:C:2012:795, punt 18).

54 B'mod konformi mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1/2003, l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tistax twassal għall-projbizzjoni ta' akkordji li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri jekk dawn ma jkollhomx l-effett li jirrestrinġu l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Expedia, C-226/11, EU:C:2012:795, punt 19).

55 Minn dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija fid-dawl tal-premessa 8 tar-Regolament Nru 1/2003, jirriżulta li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni ma tistax twassal għall-projbizzjoni ta' ftehimiet, ta' deċiżjonijiet u ta' prattiki miftiehma fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE jekk dawn ma jkunux ukoll ipprojbiti skont din id-dispożizzjoni. Fi kliem ieħor, hija ma tistax twassal għal riżultat differenti minn dak li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar.

56 Għaldaqstant, fl-ipoteżi fejn żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jressqu proċeduri kontra u jissanzjonaw l-istess fatti sabiex jiżguraw l-osservanza tal-projbizzjoni ta' akkordji skont l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt nazzjonali rispettiv tagħhom, dawn iż-żewġ awtoritajiet isegwu l-istess għan ta' interess ġenerali intiż li jiggarantixxi li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tiġix distorta minn ftehimiet, minn deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew minn prattiki miftiehma antikompetittivi.

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li kumulu ta' proċeduri u ta' sanzjonijiet, meta dawn ma jfittxux għanijiet komplementari relatati ma' aspetti differenti tal-istess aġir fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 52 ta' din is-sentenza, ma jistax, fi kwalunkwe każ, jiġi ġġustifikat taħt l-Artikolu 52(1) tal-Karta.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel u għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 50 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li jitressqu proċeduri kontra impriża, mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru, u li, jekk ikun il-każ, tiġi imposta multa fuqha għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni, minħabba aġir li kellu għan jew effett antikompetittiv fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, meta dan l-aġir diġà ġie msemmi, minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru ieħor, f'deċiżjoni definittiva li din adottat, fir-rigward ta' din l-impriża, fi tmiem proċedura ta' ksur taħt l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt tal-kompetizzjoni ta' dan l-Istat Membru l-ieħor, sakemm din id-deċiżjoni ma tkunx ibbażata fuq il-konstatazzjoni ta' għan jew effett antikompetittiv fit-territorju tal-ewwel Stat Membru.

### *Fuq it-tieni domanda*

59 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel u t-tielet domanda, ma huwiex neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni domanda.

### *Fuq ir-raba' domanda*

60 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 50 tal-Karta għandux jiġi interpretat fis-sens li proċedura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, li fiha, minħabba l-parteċipazzjoni tal-parti kkonċernata fil-programm nazzjonali ta' klemenza, ksur ta' dan id-dritt jista' biss jiġi kkonstatat, tista tkun suġġetta għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

61 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 32 ta' din is-sentenza, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprojbixxi, fil-qasam tal-kompetizzjoni, li impriża tiġi kkundannata mill-ġdid jew jitressqu mill-ġdid proċeduri kontriha minħabba aġir antikompetittiv li għalih hija tkun ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu hija tkun ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata iktar.

62 Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa intiż allura li jipprekludi li impriża tiġi "kkundannata mill-ġdid jew jitressqu mill-ġdid proċeduri kontriha", fatt li jippreżupponi li din l-impriża tkun ġiet ikkundannata jew iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata iktar. Bħala korollarju tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata,* dan għandu l-għan li jiggarantixxi ċ-ċertezza legali u l-ekwità billi jiżgura li, ladarba jkunu tressqu proċeduri kontriha u, jekk ikun il-każ, tkun ġiet ikkundannata, il-persuna kkonċernata jkollha ċ-ċertezza li mhux ser

jitressqu mill-ġdid proċeduri kontriha għall-istess ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' April 2019, Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie, C-617/17, EU:C:2019:283, punti 29 u 33).

63 Minn dan isegwi li l-ftuħ ta' proċeduri ta' natura kriminali jista' jaqa', bħala tali, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, indipendentement mill-punt dwar jekk dawn il-proċeduri jagħtux effettivament lok għall-impożizzjoni ta' sanzjoni.

64 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 101 TFUE kif ukoll l-Artikoli 5 u 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ fejn tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jistgħu eċċezzjonalment jillimitaw ruħhom li jikkonstataw dan il-ksur mingħajr ma jimponu multa meta l-impriża kkonċernata tkun ipparteċipat fi program nazzjonali ta' klemenza (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et*, C-681/11, EU:C:2013:404, punt 50). Sabiex jiġi żgurat li nuqqas ta' impożizzjoni ta' multa taħt programm nazzjonali ta' klemenza ma jippreġudikax ir-rekwiżit tal-applikazzjoni effettiva u uniformi tal-Artikolu 101 TFUE, tali trattament jista' jingħata biss f'sitwazzjonijiet strettament eċċezzjonali, bħal dawk fejn il-kooperazzjoni ta' impriża kienet determinanti sabiex ikun hemm sejba u repressjoni effettiva tal-akkordju (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et*, C-681/11, EU:C:2013:404, punti 47 u 49).

65 Minn dan isegwi li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 92 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-immunità minn, jew it-tnaqqis ta', multi fl-ebda każ ma huma awtomatikament iggarantiti lil impriża li titlob li tibbenefika minn programm ta' klemenza.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li, bla ħsara għar-risposta mogħtija għall-ewwel u t-tielet domanda tal-qorti tar-rinviju, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jista' japplika għal proċedura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni minkejja l-fatt li, minħabba l-parteċipazzjoni fil-programm nazzjonali ta' klemenza tal-impriża inkwistjoni, li diġà jkunu tressqu proċeduri kontriha fil-kuntest ta' proċedura oħra li wasslet għal deċiżjoni definittiva, din il-proċedura l-ġdida tista' twassal biss għall-konstatazzjoni ta' ksur ta' dan id-dritt.

67 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 50 tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li proċedura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni li fiha, minħabba l-parteċipazzjoni tal-parti kkonċernata fil-programm nazzjonali ta' klemenza, ksur ta' dan id-dritt jista' biss jiġi kkonstatat tista' tkun suġġetta għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

**Fuq l-ispejjeż**

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li jitressqu proċeduri kontra impriża, mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru, u li, jekk ikun il-każ, tiġi imposta multa fuqha għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni, minħabba aġir li kellu għan jew effett antikompetittiv fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, meta dan l-aġir diġà ġie msemmi, minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru ieħor, f'deċiżjoni definittiva li din adottat, fir-rigward ta' din l-impriża, fi tmiem proċedura ta' ksur taħt l-Artikolu 101 TFUE u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-dritt tal-kompetizzjoni ta' dan l-Istat Membru l-ieħor, sakemm din id-deċiżjoni ma tkunx ibbażata fuq il-konstatazzjoni ta' għan jew effett antikompetittiv fit-territorju tal-ewwel Stat Membru.**

2) **L-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li proċedura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni li fiha, minħabba l-parteċipazzjoni tal-parti kkonċernata fil-programm nazzjonali ta' klemenza, ksur ta' dan id-dritt jista' biss jiġi kkonstatat tista' tkun suġġetta għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*.**

Firem